MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2008

Rikors Numru. 362/2006

Zahra Limited
vs
JP Blocks Ltd.

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors ta’ Joseph Zahra ghas-socjeta’ rikorrenti Zahra Limited li bih eccepixxa:

1. Illi s-socjeta` rikorrenti flimkien [mal-intimat – kelma maqtugha b’digriet tal-Qorti tas-7 ta’ Marzu 2008] ma’ Paul Falzon personalment jiffurmaw il-pakkett azzjonarju tas-socjeta` JP Blocks Ltd., u dawn ghandhom hamsin fil-mija (50%) kull wiehed tal-ishma ta’ l-istess socjeta`.

2. Illi d-diretturi tas-socjeta` intimata irrizenjaw, hlief ghall-intimat Paul Falzon, li wahdu ma jistax jmexxi l-kumpanija billi skond l-istatut ta’ l-istess kumpanija l-

amministrazzjoni taghha hija fdata f'idejn il-Bord tad-diretturi liema bord ma jistax ikun kompost minn inqas minn zewg diretturi. (Klawsola 6).

3. Illi Paul Falzon [il-kelma "l-intimat" giet maqtugha b'digriet tal-Qorti tas-7 ta' Marzu 2008] istitwixxa proceduri legali kontra r-rikorrenti w ohrajn, inkluz is-socjeta` JP Blocks Ltd stess (Rikors 178/06/GV), fejn jallega frode fil-konfront taghhom, liema allegazzjoni hija totalment infondata.

4. Illi ma hemm ebda forma ta' kuntatt bejn ir-rikorrenti u [l-intimat – kelma maqtugha b'digriet tal-Qorti tas-7 ta' Marzu 2008] Paul Falzon hlief tramite l-konsulenti legali taghhom, u ghalhekk jidher car illi kwalsiasi *affectio societatis* li huwa l-pern ta' kull socjeta` kummercjali spicca bejn l-azzjonisti u s-socjeta` ma tistax tibqa' miexja 'l quddiem f'atmosfera fejn flok jirrenjaw l-armonija w s-sliem hemm biss ghajjat, theddid u glied.

5. Illi in oltre s-socjeta` JP Blocks Ltd ghandha problemi finanzjarji serjissimi u mhix f'pozizzjoni li thallas id-debiti taghha.

6. Illi ghalhekk ai termini tal-Artiklu 214(2)(ii) tal-Att XXV tal-1995 l-Qorti ghandha tordna x-xoljiment tal-kumpanija JP Blocks Ltd stante li din mhix f'posizzjoni li thallas id-debiti taghha u dana ai termini ta' l-artikolu 214(5) ta' l-istess Att.

7. Illi inoltre ai termini ta' l-Artikolu 214 (2) (b) (iii) ta' l-Att XXV tal-1995 jidher car li l-Qorti ghandha tkun tal-fehma li hemm ragunijiet gravi li jiggustifikaw ix-xoljiment u konsegwentament l-istralc tal-kumpanija.

8. Illi ai termini tal-Artikolu 214(3) ta' l-istess ligi r-rikorrenti jissottomettu li l-Qorti ghandha l-poter li tuza d-diskrezzjoni taghha biex tiddeciedi jekk il-kumpanija ghandhiex tkun stralcjata mill-Qorti jew volontarjament.

9. Illi in vista ta' l-atmosfera xejn konciljabbli li tezisti bejn l-azzjonisti [korrezzjoni awtorizzata b'digriet

tal-Qorti tas-7 ta’ Marzu 2008, u giet imhassra l-kelma “il-kontendenti”] ma jidhirx li hemm il-possibilta` li l-kumpanija tista’ tigi stralcjata volontarjament u ghalhekk il-Qorti – ai termini ta’ l-Artikolu 219 – tal-istess Att – ghandha tilqa’ dan ir-rikors u taghti l-ordni tal-istralc tas-socjeta` u ghandha taghti dawk l-ordnijiet interim xierqa w opportuni sabiex jithallas kull passiv tas-socjeta` u jekk ikun hemm xi attiv jigi distribwit bejn l-azzjonisti fil-proporzjon li huma regsitrati bhala azzjonisti tas-socjeta` u li jigi mahtur ricevitur ufficjali ai termini tad-disposizzjonijiet ta’ l-Artikolu 225 tal-Att fuq riferit.

10. Ir-rikorrenti talab lill-Qorti joghgobha tordna li hemm ragunijiet bizzejjed gravi li jimmilitaw li t-talba tar-rikorrenti tigi milqugha u li konsegwentement din il-Qorti tordna x-xoljiment u l-konsegwenzjali stralc tas-socjeta` JP Blocks Ltd., u dan isir taht dawk il-provvedimenti kollha xierqa u opportuni li din il-Qorti joghgobha tordna fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz.

Bl-ispejjes kontra l-intimati.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrenti.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta ta’ l-intimat Paul Falzon ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` JP Blocks Ltd li biha eccepixxa:

1. Illi t-talbiet rikorrenti huma infundati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes u dan stante li ma jezistu ebda raguni kemm fattwali kif wkoll legali ghaliex is-socjeta` intimata ghandha tigi xolta u likwidata.

2. Illi s-socjeta` intimata ghandha r-rekwiziti kollha mehtiega mill-ligi u mill-istatut sabiex tkompli topera.

3. Illi l-proceduri gudizzjarji intavolati mis-socjeta` rikorrenti ghandhom l-ghan uniku, dak li jostakolaw il-process tal-proceduri ezistenti quddiem Qorti diversament preseduta fejn l-istess socjeta` rikorrenti qed tigi akkuzata

li abbuzat mill-pozizjoni taghha u ghamlet frodi u danni a karigu tas-socjeta` intimata u tad-direttur u azzjonista taghha Paul Falzon.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat il-lista ta’ xhieda u dokumenti prezentati mill-intimat.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Illi fis-seduta tal-5 ta’ Dicembru 2006 [fol 82] Dr. Stefan Camilleri sostna li r-risposta ghat-talbiet li tinsab a fol 55 et tal-process hija irregolari u ghalhekk talab l-isfilz taghha u dan minhabba li Paul Falzon ma ghandux ir-rappresentanza legali tas-socjeta` intimata wahdu.

Rat li fil-5 ta’ Marzu 2007 [fol 85] Dr. Camilleri irrefera ghall-artikolu 7 tal-*Memorandum and Articles* tal-Kumpanija [fol 67 tal-process] li jsemmi:

“Legal and judicial representation shall be vested in any two directors. The first directors vested with such representation are:

Joseph Zahra…

Paul Falzon…”

Xehdet <u>Alessia Vassallo</u> u qalet li hi tahdem mal-MFSA u ghandha l-kariga ta’ *desk officer*. Referibilment ghal JP Blocks Ltd giet murija l-*memorandum of association* ta’ l-istess kumpanija u fil-fatt irreferiet ghall-Artikolu 7 u qalet li r-rapprezentanza legali hija ta’ zewg diretturi. Id-diretturi tal-kumpanija llum il-gurnata huma Paul Falzon u Chantelle Falzon u dawn ilhom mis-6 ta’ Novembru 2006. Paul Falzon li nfurmahom bil-hatra ta’ Chantelle Falzon. Mistoqsija mill-Qorti li fis-26 ta’ April 2006 min kienu diretturi irrispondiet li hi ghandha li Joseph Zahra irrizenja

minn Direttur fis-6 t'April 2006 u Joseph Zahra irrizenja minn *Secretary* fl-2006 ukoll, Andre Zahra irrizenja wkoll fl-istess data, Paul Falzon kien hemm direttur wahdu. Chantelle Falzon dahlet fis-6 ta' Novembru 2006. Iprezentatat ukoll il-*Memorandum and Articles of Association* ta' l-istess kumpanija.

Xehed <u>Paul Falzon</u> u qal li hu kien direttur fis-socjeta` JP Blocks Limited pero` qal li wara skoprew li Joe Zahra lilu nehhieh minn direttur u pogga lit-tifel tieghu minfloku. Mistoqsi mill-Qorti qal li bhala dati ma jiftakarx, Joe Zahra anqas biss qallu izda ghandhom kawza ohra u meta kienu qed jaraw il-kawza l-ohra f'daqqa wahda skoprew dan. Imbaghad wara rega' dahal direttur hu hemmhekk peress li mbaghad minhabba l-*memorandum* jghid li ma tistax toqghod direttur wahdek hu dahhal lit-tifla tieghu Chantelle Falzon. Mistoqsi jekk hu kienx sejjah *share holders' meeting* qal li hu bil-miktub ma sejjahx pero` kif is-Sur Zahra ghamel in-*nominee* tieghu hu bl-istess mod ghamel tieghu. Veru li hu biss kien hatar lit-tifla tieghu. Dwar il-pozizzjoni tieghu li hu kien tnehha minn direttur hu lilu qatt ma avzah li ha jsir *share holders' meeting* u hu sar jaf biss in segwitu meta f'kawza ohra hareg dan il-punt. Il-punt li tkecca minn direttur, hu ghandu hamsin (50%) fil-mija ta' l-ismha go JP Blocks Ltd., fis-sens li kellu u ghad ghandu l-istess ishma.

Gie prezentat affidavit ta' <u>Joseph Zahra</u> fejn issemma li hu d-direttur tas-socjeta` Zahra Limited, li hija azzjonista fis-socjeta` JP Blocks Ltd. Is-socjeta` JP Blocks Ltd. kienet giet iffurmata mis-socjeta` minnu rappresentata u cioe` Zahra Limited flimkien ma' Paul Falzon, fis-sena 2003, u l-iskop ta' din il-kumpanija kienet illi tipproduci u tbiegh il-*bricks*. Paul Falzon u s-socjeta` Zahra Limited kienu investew hafna flus f'din il-kumpanija biex b'hekk inxtara l-impjant illi jipproduci l-*bricks*. Dan l-impjant kien inxtara mill-Italja, u kien gie installat fuq bicca art proprjeta` tas-socjeta` Zahra Limited f'Ta' Kandja. L-art imsemmija kienet inghatat b'cens temporanju lis-socjeta` JP Blocks Ltd., ghac-cens ta' Lm3,500 fis-sena (Dok JZ1). Biex isiru l-*bricks* il-kumpanija JP Blocks Ltd., kienet tuza zrar u ramel mill-barriera tas-socjeta` Tlata Ltd., li hija proprjeta`

ta' Paul Falzon. Dan il-materjal ma kienx qed jkun ta' kwalita` tajba bir-rizultat illi lanqas il-*bricks* ma kienu qed johorgu ta' kwalita` tajba. JP Blocks Ltd., kienet qed tircevi hafna lmenti minghand il-klijenti taghha billi l-*bricks* kienu qed jinqasmu. Hu ta' spiss kien jilmenta ma' Paul Flazon fuq din is-sitwazzjoni, izda hu kien jghidlu li kumpaniji ohra kienu jiehdu minn dak iz-zrar u ma kienux jilmentaw. Hu li seta' jghid illi meta pprova juza zrar differenti l-*bricks* kienu johorgu ta' kwalita` tajba. Hu ghalhekk kien beda jinsisti li JP Blocks Ltd. tibda tuza zrar differenti u dana ghaliex is-socjeta` bdiet titlef xoghol u flus u dana billi kien ikollha tirrimpjazza l-*bricks* imkissrin. Paul Falzon ma bediex jiehu pjacir illi hu ried juza zrar ta' haddiehor, u fl-ahhar kien ippropona lil Zahra Limited illi tixtri sehemu mis-socjeta` JP Blocks Ltd. Il-kumpanija JP Blocks Ltd. qatt ma ghamlet qligh kemm damet topera, u kellha d-dejn, inkluz ic-cens li qatt ma hallset lis-socjeta` Zahra Limited. Zahra Limited kienet accettat li tixtri sehem Paul Falzon fis-socjeta` JP Blocks Ltd., u minkejja li kien hemm qbil it-trasferimnt qatt ma sar u dana billi nholoq dizgwid bejn Paul Falzon u Zahra Limited fuq il-pagamenti w l-metodu taghhom. Minkejja li saru diversi tentattivi biex jippruvaw jaslu f'xi tip ta' kompromess dana ma sehhx. Billi Paul Falzon u Zahra Limited ma rnexxielhomx isibu kompromess, is-socjeta` waqfet milli topera, u issa ilha wieqfa 'l fuq minn sena. Minhabba din is-sitwazzjoni hu kien irrizenja minn direttur u segretarju ta' JP Blocks Ltd., u s-socjeta` JP Blocks Ltd., fil-fatt kienet irceviet illi l-kumpanija kellha biss direttur wiehed u li dan il-fatt imur kontra l-istatut ta' l-istess kumpanija. Hu dan l-ahhar u cioe` meta xehed Paul Falzon f'din il-kawza sar jaf illi, l-istess Paul Falzon f'Novembru tas-sena 2006 informa lill-MFSA li t-tifla tieghu Chantelle giet appuntata bhala direttrici. Zahra Limited, bhala azzjonista tas-socjeta' JP Blocks Ltd., qatt ma giet infurmata illi kien ser tinzamm xi laqgha tal-azzjonisti sabiex jigi mahtur direttur gdid, u fil-fatt irrizulta, fuq ammissjoni ta' Paul Falzon stess, illi huwa qatt ma sejjah laqgha ta' l-azzjonisti w qabad u nforma lill-MFSA li Chantelle Falzon giet mahtura bhala direttrici meta fil-fatt dan ma kienx minnu. Sal-gurnata tal-lum tas-socjeta` JP Blocks ghadha minghajr segretarju, u dana minkejja li ghaddiet kwazi sena mir-

rizenja tieghu. Illum apparat tas-socjeta` JP Blocks Ltd. ilu ma jithaddem ghal aktar minn sena, u dana ovvjament isirlu hsara, u aktar ma jghaddi zmien aktar il-valur tieghu qieghed jonqos u dana mhux biss minhabba l-fatt illi mhux qieghed jintuza izda anki minhabba d-deprezzament fil-valur tieghu. Hu spjega li s-socjeta` Zahra Limited kienet interessata li takkwista lis-socjeta` JP Blocks Ltd., sempliciment ghar-raguni li l-apparat tas-socjeta` JP Blocks Ltd., jinsab fil-*plant*, proprjeta` tas-socjeta` Zahra Lmited, u ghalhekk ma kienx ser ikun hemm ghalfejn illi dan jizzarma biex b’hekk jerga’ jigi installat band’ohra, kif ukoll billi Zahra Limited qeghdha fix-xoghol tal-bini hija kellha interess illi lill-klijenti taghha toffrilhom illi jixtru varji prodotti inkluzi *bricks*, anki jekk il-qligh fuq il-*bricks* ikun wiehed zghir, izda l-qligh mill-bejgh tal-prodotti l-ohra jkun qed ipatti ghall-qligh zghir tal-bejgh tal-*bricks*. Fl-ahhar nett qal illi fis-16 ta’ Jannar 2006 is-socjeta` Zahra Limited u JP Blocks Ltd., kienu ffirmaw kuntratt quddiem in-Nutar Charles Mangion li ai termini tieghu kien gie terminat il-kuntratt tac-cens, u s-socjeta` Zahra Limited kienet irrinunzjat ghall-arretrati kollha ta’ cens illi kienu dovuti sa dak inhar illi kienu jammontaw ghal Lm14,000. Illi minkejja li fl-opinjoni tieghu dan il-kuntratt sar fl-interess tas-socjeta` JP Blocks Ltd., billi b’hekk din kienet ser tigi illi tiffranka Lm14,000, u ghalhekk ikun qieghed jitnaqqas ftit mid-dejn, Paul Falzon ghamel kawza kontra Zahra Limited biex jipprova jwaqqa’ dan il-kuntratt, liema kawza ghadha pendenti (Dok G).

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi din il-kawza tirrigwarda talba ghal xoljiment u konsegwenzjali stralc tas-socjeta` J.P. Blocks Limited. Is-socjeta` intimata eccepiet li t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan peress li ma jezistu l-ebda ragunijiet legali jew fattwali ghal dan. Gie eccepit ukoll li s-socjeta` intimata ghandha r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi u li l-proceduri gudizzjarji odjerni gew intavolati bl-ghan uniku li jostakolaw il-proceduri ezistenti quddiem Qorti diversament preseduta.

Issa jirrizulta li qabel ma giet appuntata l-kawza odjerna kienu diga istitwiti proceduri quddiem din il-Qorti

diversament preseduta (Rik. Nru.178/06GV) fejn Paul Falzon allega frodi fil-konfront tar-rikorrenti u ohrajn.

Fil-kaz odjern, is-socjeta` rikorrenti sostniet li d-Diretturi tas-socjeta` intimata irrizenjaw, hlief ghal Paul Falzon, u li dan wahdu ma jistax imexxi l-kumpanija. Di piu`, is-socjeta` J.P. Blocks Limited ghandha problemi finanzjarji serji u mhix f'pozizzjoni li thallas id-debiti taghha. Ghalhekk, saret referenza ghall-Artikolu 214(2)(ii), 214(2)(b)(iii) u 214(5) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi s-socjeta` Zahra Limited sostniet li r-risposta guramentata (nota ta' eccezzjonijiet) tas-socjeta` intimata ghar-rikors guramentat minnha intavolat hija irregolari u ghalhekk ghanda tigi sfilzata. L-argument tas-socjeta` Zahra Limited huwa l-allegazzjoni li l-eccezzjonijiet ma gewx prezentati fil-Qorti kif suppost. Dan huwa kontestat mis-socjeta` intimata. Irrizulta li fid-data tar-risposta kien hemm zewg diretturi registrati bhala diretturi tal-kumpanija mal-M.F.S.A. skond ma jirrizulta mid-depozizzjoni ta' Alessia Vassallo.

Issa l-artikolu 7 tal-*Memorandum* isemmi li:
"Legal and judicial representation shall be vested in any two directors. The first directors vested with such representation are:
Joseph Zahra…
Paul Falzon…"

In segwitu Joseph Zahra spicca minn direttur qabel ma giet prezentata n-nota ta' eccezzjonijiet, ossija r-risposta. Kien hemm in-necessita` li tissejjah laqgha generali biex jinhatar direttur iehor – haga li ma saritx. Huwa veru li kien hemm zewg Diretturi registrati meta giet intavolata r-risposta izda l-imsemmija hatra ma saritx kif suppost.

Jekk dan mhux bizzejjed jirrizulta li r-risposta guramentata ma gietx mahlufa minn zewg diretturi skond l-istatut ta' l-istess socjeta` intimata. Minn imkien ma jirrizulta li l-imsemmi Paul Falzon kien awtorizzat li jahlef ir-risposta guramentata wahdu.

F’dan l-istadju l-Qorti sejra tikkwota mill-Kap 12 artikolu 181A (2) li jghid:
“Kull dikjarazzjoni, jew skrittura li ghandha tinhalef skond il-ligi ghandha, fil-kaz ta’ korp li jkollu personalita` guridika distinta, tinhalef mill-persuna jew persuni li jkollhom ir-rapprezentanza guridika ta’ dan il-korp jew minn kull segretarju tal-kumpanija jew minn kull persuna ohra li tkun awtorizzata bil-miktub minn dak il-korp sabiex tipprezenta atti gudizzjarji f’ismu jew li jaghmel dikjarazzjoni, risposta guramentata jew skrittura bhal dawk imsemmija.”

Mela ghalhekk il-ligi tinsisti li risposta ssir mill-persuni li jkollhom ir-rapprezentanza guridika u skond l-artikolu 7 tal-*Memorandum*, din hija vestita f’zewg diretturi li fil-kaz in ezami ma saritx. Ir-risposta guramentata ma gietx mahlufa miz-zewg diretturi u dan iwassal li r-risposta hija irregolari u ghalhekk ghandha tigi kif qed tordna l-Qorti, li tigi sfilzata.

Izda b’danakollu l-Qorti xorta ghandha l-obbligu li tezamina l-mertu dwar il-kwistjoni sollevata, kif fil-fatt sejra taghmel. Jinkombi fuq il-Qorti li tara jekk is-socjeta` intimata ghandhiex ir-rekwiziti mehtiega mil-ligi u mill-istatut taghha u jekk hemmx xi raguni ghaliex is-socjeta` intimata ghandha tigi xolta jew likwidata.

Jibda biex jinghad li l-Kap 386 fit-Titolu II jitkellem dwar ix-xoljiment u stralc konsegwenzjali ta’ kumpaniji, u l-artikolu 214(2)(a)(ii) tal-Kap 386 ighid li kumpanija tista’ xxolji u tkun stralcjata mill-Qorti jekk “il-kumpanija ma tkunx tista’ thallas id-djun taghha.” Inoltre fl-artikolu 214(5), il-ligi tispecifika xi jfisser li kumpanija ma tkunx tista’ thassar id-djun taghha u semma fil-paragrafi (a) u (b) dan u dwar il-(b) tghid hekk:
“jekk ikun ippruvat ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti li l-kumpanija ma tkunx tista’ thallas id-djun taghha meta din tqis ukoll il-passiv kontingenti u prospettiv tal-kumpanija.”

Inoltre l-artikolu 214(2)(b)(iii) ta’ l-istess Kap 386 isemmi bhala raguni ghala kumpanija ghandha tigi xolta bil-Qorti fil-kaz li:

"il-qorti tkun tal-fehma li hemm ragunijiet gravi bizzejjed li jiggustifikaw ix-xoljiment u konsegwentement l-istralc tal-kumpanija;"

Fl-artikolu 214(3) ta' l-istess Kap 386 jinghad hekk:
"Fil-kazijiet ta' xoljiment li jaqghu taht is-subartikolu 2(b), il-Qorti, tista' fid-diskrezzjoni taghha, tiddeciedi jekk il-kumpanija ghandhiex tkun stralcjata mill-Qorti jew volontarjament."

Il-Qorti trid tezamina jekk is-sitwazzjoni tal-kumpanija hija tali li tiggustifika s-soluzzjoni li din tigi xolta, jew jekk ghadx hemm il-possibilita` li l-kumpanija tista' terga' tibda topera u thallas id-djun taghha. Dwar jekk is-socjeta` hix f'pozizzjoni li thallas id-debiti taghha, din il-kundizzjoni tista' tigi verifikata permezz tal-*balance sheets* wara li jigi ikkunsidrat jekk l-assi humiex anqas mid-debiti (ara **Axel Johnson International noe vs Aluminium Extrusions Limited,** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Mejju 2003). Izda biex dan ikun jista' jigi analizzat riedu jigu ipprezentati l-*balance sheets* tal-kumpanija mhux biss il-*Financial Statements* li gew ipprezentati ghas-sena 2005. Jirrizulta li f'dik is-sena 2005, l-intimat zgur li kellu jaghti lil Tlata Limited mal-ammont ta' tmenin elf liri Maltin (Lm80,000) (fol 49).

Il-Qorti ghandha tezamina jekk jezistux cirkostanzi li jistghu jitqiesu "gravi bizzejjed" biex iwassluha li tiddeciedi favur ix-xoljiment tal-kumpanija u ghalhekk dan irid jigi determinat mill-Qorti a bazi ta' l-apprezzament u fatti tal-kaz.

Hawnhekk, ta' min isemmi wkoll dak li ntqal mill-**Gower** fi *"Principles of Modern Company law"*:
*"Where the company is no longer able….to carry on the business for the purpose of which it was formed, any member may petition for a winding–up order on the "just and equitable" ground………But, it is not necessary, in order for the company to be wound up, that it is unable to carry on any activity in accordance with its objects as contained in the memorandum."*

Irrizulta wkoll mill-kopja ta' *Form* K li irrizenjaw Andre Zahra, u Joseph Zahra minn Diretturi tas-socjeta` intimata (fol 24 u 26), kif ukoll ir-rizenja ta' Joseph Zahra minn Segretarju (fol 25). Fil-kaz in ezami, ghalhekk ta' min jinnota li mis-6 ta' April sas-6 ta' Novembru ghaddew 7 xhur. Jigifieri l-kumpanija kellha sitt xhur zmien ai termini ta' l-artikolu 214(2)(b)(i) biex ma tibqax b'membru wiehed, u l-membru l-iehor Chantelle Falzon giet appuntata tardivament. Ghalhekk ai termini ta' dan l-artikolu l-kumpanija tista' tigi xolta.

Jinghad ukoll li l-atmosfera ta' bejn l-azzjonisti ma hi xejn wahda konciljabbli u anqas ma tidher il-possibbilta` ta' stralcar volontarju. Il-Kapitolu 386 fl-artikoli 218 *et* jitkellem dwar l-istralc mill-Qorti u l-Qorti tista' taghti l-ordni ghal stralc tas-socjeta` u taghti dawk l-ordnijiet *interim*, xierqa u opportuni.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi, wara li ordnat l-isfilz tar-risposta, u peress li ssib il-bazi tat-talbiet gustifikati, thoss li hemm ragunijiet bizzejjed gravi li jimmeritaw li t-talba tar-rikorrenti tigi milqugha fis-sens li ghandu jinhatar amministratur provvizorju a tenur ta' l-artikolu 228 u ghalhekk ghal dan l-iskop qeghda tinnomina bhala amministratur provvizorju tas-socjeta` JP Blocks Limited lil Dr. Vincent Galea biex jipprepara x'passiv hemm tas-socjeta` kif ukoll x'attiv ghandu jigi distribwit bejn l-azzjonisti fil-proporzjon li huma registrati bhala azzjonisti tas-socjeta`.

Tiddiferixxi l-kawza ghall-kontinwazzjoni ghat-13 ta' Frar 2009 fl-9.45 a.m.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------